# LIL ĦIJA

*Ta'* Mario Agius

*F'għeluq sninu*

Konna għadna żgħar it-tnejn b'ruħ it-tfulija
Nilagħbu, niggerrew; niftakar jiena:
Il-għożża lejk b'xi kelma dawwalija
Li taf xi dnewwa wkoll b'qalb trodd il-ħniena.

Niftakar, ħi, xħin konna fil-għaxija
It-tnejn id-dar niltaqgħu ftit għajjiena:
Mill-ħidma ta' kull jum fil-jiem xitwija
Jew f'jiem is-sajf ħdejn omm q'ed tistenniena!

Int l-iżgħar fostna, rajt ukoll ġid minni,
Hu ieħor fl-art m'għandix u issa mbiegħed:
Go dar għalik mas-sieħba tiegħek martek!

F'waqtiet nistħajlek għadek, ħi, emminni
Bħal dari rieqed ġo kamarti qiegħed:
Tiftakar fija int, f'xi waqt, f'kamartek?